MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru. 481/2007

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**John Paul Vella, bin Anthony, imwieled fid-9 ta' marzu 1987 u residenti fil-fond 1, 'Ta Serrer', Triq it-Torri ta' Sopu, Nadur, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita' 17987(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi John Paul Vella akkuzat talli nhar l-10.05.2007 ghall-habta ta' 18:00hrs u fil-hinijiet ta' qabel f'San Blas, Nadur, Ghawdex:

1) ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew prova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-regolamenti dwar il-

konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L/N 79/2006) mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahta bi ksur tar-regolament 4 (A) tal-L/N 79/2006 hekk kif emendat;
2) aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm lil xi ghasafar kemm hajjin jew mejtin, jew parti minn xi ghasafar li l-kacca jew t-tehid taghhom hu pprojbit that ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L/N 79/2006) mhux skond id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti bi ksur tar-regolament 4 (E) l/N 79/2006 hekk kif emendat;
3) aktar talli kkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minn dawk imsemmija fi Skeda II li tinsab ma' regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L/N 79/2006) bi ksur tar-regolament 5(1) tal-istess tal-istess Avviz Legali hekk kif emendat;
4) aktar talli kkaccja minn fuq l-art xi ghasfur hlief dawk elenkati f'Taqsima A tal-Iskeda II bi ksur tar-regolament 5 (3) tal-L/N79/2006 hekk kif emendat bir-regolament 5 tal-L/N 39/2007;
5) aktar talli fl-istess data, hin u lok waqt l-istagun miftuh ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq il-bahar ikkaccja jew ipprova xi ghasfur mhux inkluz fi Skeda II li tinsab ma' regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L/N 79/2006) bi ksur tar-regolament 18 (1)(B) tal-L/N 79/2006 hekk kif emendat;
6) aktar talli fl-istess data, hin u lok gar arma tan-nar kemm jekk ikkarhata sew jekk mhiex, jew li ma kienitx fl-ghata taghha, jew spara xi arma tan-nar waqt li kien inqas minn 200m minn xi belt jew rahal jew zona abitata ohra jew xi wahda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII jew medda ta' 50 metru minn toroq principali jew arterji bi ksur tar-regolament 18(2)(a) tal-L/N 79/2006 hekk kif emendat b'regolament II (d) tal-L/N 39/2007;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebieti;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi fil-gurnata tal-10 ta’ Mejju 2007 ghall-habta tas-18:00 u fil-hinijiet ta’ qabel gewwa in-Nadur huwa kien qieghed jikkacca illegalment tajr protett u cioe’ kuccard jew honey buzzards, liema tajr jissab elenkat fl-Iskeda I ta’l-Avviz Legali 79/2006 kif sussegwentement emendat, liema tajr fil-fatt huwa moghti protezzjoni specjali bil-ligi;

Illi mill-provi mugjuba quddiem dina l-Qorti rrizulta illi fil-gurnata imsemmija ghall-habta tat-tmienja ta’ filghodu (8:00a.m.), il-Maggur Cladio Terribile li f’dak il-hin kien qieghed fl-ufficju tieghu gewwa l-headquarters tal-AFM fin-Nadur, sema hsejjes ta’ tiri minn arma tan-nar. Huwa hareg jittawwal u osserva hames jew sitt kuccard jittajjar fil-vicinanzi. Huwa jghid li lemah zewg persuni li wiehed minnhom gharrfu bhala l-imputat. Dawn it-tnejn min-nies kellhom snieter f’idejhom. Huwa ra wiehed minnhom qieghed jahbi xi tajr go sigra. Imbaghad sema’ tir iehor, ra kuccarda ohra tinqaleb u tinzel mejta. Il-Maggur jghid illi ma rax nies ohra fl-inhawi u kienu biss dawn it-tiri li sema’;

Ghalkemm il-Maggur Terribile isostni illi huwa ma rax lill-imputat qieghed jispara, madanakollu huwa jikkonferma illi gharaf lill-imputat li kellu is-senter tal-kacca f’idejh, ighid li rah bit-tajr f’idejh u rah qieghed jahbi dina it-tajra fis-sigra. Aktar tard filghodu fil-post indikat il-Maggur flimkien mal-Bumbardier Falzon sabu fil-fatt dana it-tajr mohbi waqt *foot patrol* li ghamlu f’dina iz-zona. It-tajr thalla fejn instab u saret supervizjoni ta’ dina iz-zona. Ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ filghaxija (5:30p.m.) Lance Bumbardier Grech u Gunner Attard intercettaw persuna f’dina iz-zona. Dina kienet l-istess persuna li kien ra iktar kmieni il-Maggur Terribile. Lance Bumbardier Grech jghid li osserva lil dina l-eprunsa tmur fil-post fejn kien hemm mohbi il-kuccard, qabad it-tajra u tefaghha gewwa xkora. L-istess persuna baqghet tfittex f’dina l-istess zona sakemm sabet it-tieni kuccarda. Grech ghalhekk cempel lill-kollegi tieghu li kienu bil-landrover u indikalhom fejn kienet il-persuna sabiex tigi imwaqqfa. Ighid illi huwa matul dana il-hin kollu baqa’ isegwi il-persuna b’ghajnejh;

Jidher illi hekk kif l-imputat induna bil-prezenza tas-suldati, huwa rega' heba l-ixkora bil-kuccard taht sigra. Ghal habta tas-sitta u nofs (6:30) is-suldati waqqfu lil dina l-persuna li kienet gewwa vann bin-numru ta' registrazzjoni EAX 984. Hawnhekk l-imputat li kien akkompanjat minn certu Ryan Pace gie mehud fil-post fejn huwa kien gie osservat li heba l-ixkora , instabet l-istess xkora li kienet tikkontjeni iz-zewg kuccardi;

Illi l-imputat min-naha tieghu jichad illi kienu hu li spara ghal dawn l-ghasafar u li hbiehom, kif gie allegat, ghalkemm jghid illi filghodu kien hareg ghall-kacca flimkien ma' huh Christopher Vella. Ighid illi dam hemmhekk sal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30a.m.), imbaghad mar id-dar jiekol. Inoltre isostni illi aktar tard wara nofsinhar huwa kien mar sabiex jaghti training lill-geru li kellu ghall-skopijiet ta' kacca u mhux minnu illi huwa mar sabiex jigbor il-kuccard. Dam madwar siegha hemmhekk, imbaghad iltaqa' ma' Ryan Pace li kien bil-van tieghu u talbu sabiex iwasslu d-dar. Ighid illi huma marru jimxu fl-irdum, imbaghad irhewlha lejn it-trukk u kif kienu telghin gew imwaqqfa mis-suldati.  Jikkonferma illi filghaxija ma kienx ha is-senter mieghu. Ryan Pace jikkonferma illi huwa waqqaf sabiex jaghti "lift" lil siehbu meta gew imwaqqfa mis-suldati. Hu l-imputat Christopher Vella jikkonfemra illi filghodu hu u huh l-imputat kienu hargu ghall-kacca;

Illi minn dina l-esposizzjoni tal-fatti, l-Qorti temmen ghal kollox il-verzjoni tal-fatti kif esposta mill-prosekuzzjoni u dana ghas-segwenti ragunijiet;

1. Illi l-Maggur Terribile kien l-ewwel wiehed li ra lill-imputat. Jghid illi huwa kien jaf lill-imputat peress illi ma joqghodx wisq 'il boghod mill-headquarters tal-AFM u mal-ewwel gharfu;
2. Jidher illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat f'dik il-ghodwa kien hareg proprju ghall-kacca;
3. Illi l-Maggur Terribile osserva lill-imputat jahbi it-tajr. Nizel fil-post u effettivament sab it-tajr in kwistjoni u kkonferma dak illi kien ra iktar kmieni;

4. Illi huwa ukoll fatt mhux ikkontestat illi aktar trad matul il-gurnata l-imputat rega' nizel fuq il-post u ghamel xi siegha hemm isfel;
5. Illi mill-mument li gie intercettat mis-suldati, l-movimenti tal-imputat baqghu dejjem jigu segwiti mis-suldati li fl-ebda hin ma jidher illi intilef mill-vizta taghhom;
6. Illi huwa gie osservat immur proprju fil-post fejn aktar kmieni kien heba it-tajr u jigborhom minn hemm u mbaghad baqa' ifittex it-tajra l-ohra sakemm sabha u gabarha wkoll. Meta l-imputat kellu suspett li kien qed jigi osservat huwa rega heba it-tajr;
7. Illi meta l-imputat gie mwaqqaf mis-suldati u gie mehud fil-post fejn gie osservat qed jahbi it-tajr, fil-fatt it-tajr instab;
8. Finalment il-Maggur Terribile jsostni illi f'dik l-ghodwa huwa ma osserva l-ebda persuna ohra u kien sema' biss it-tiri li gew sparati lejn il-kuccard li spicca nqatel;

Illi ghalhekk maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tistqarr illi ma ghandha l-ebda dubju illi kien l-imputat illi gie intercettat mis-suldati;

Illi hemm diversi akkuzi migjuba fil-konfornt tal-imputat li kollha kemm huma jirreferu ghall-fatt ili l-imputat spara ghall-ghasafar protetti bil-Ligi fi zmien meta l-istagun tal-kacca kien maghluq. Ghalhekk certament hawn l-applikazzjoni tal-Artikolu 17 (h) tal-Kapitolu 9 peress illi l-fatti tal-kaz taw lok ghall-kommissjoni ta' diversi reati;

Illi madanakollu l-Qorti tqis illi l-imputat kien jaf ben tajjeb illi ma kienx permess ghalhekk li jikkaccja u kwindi certament ma hijiex ser tapplika l-minimu tal-piena fil-Ligi f'dan il-kaz;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 4(A), 4(E), 5(3), 18(1)(B), 18(2)(a) tal-Avviz Legali 79/2006 kif sussegwentement emendat bl-Avviz Legali 39/2007 u l-Artikolu 17 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hat ital-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' elf ewro (€1000);

Inoltre l-Qorti qed tordna l-konfiska tad-dokument ‘F 1’ favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------